MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 1506/1993/1

**Dennis Tanti**

**vs**

**Ministru tal-Intern u Zvilupp Socjali, Segretarju Parlamentari ghas-Sahha, u Tabib Ewlieni tal-Gvern**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-29 ta' Novembru 1993 li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta:

Illli hu flimkien ma Antoinette Attard u Isabelle Avallone, li t-tnejn jahdmu bhala “assistant lecturers” ma l-Universita` ta’ Malta, applika skond cirkulari D.H. 174/93 mahruga mid-Dipartiment tas-Sahha bid-data tat-30 ta’ Settembru, 1993, biex ikun wiehed minn zewg kandidati li kellhom jigu sponsorjati mid-Dipartiment tas-Sahha ghal kors ta’ studju avvanzat fin-Nursing fl-Universita` ta’ Liverpool, l-

Ingilterra, li jwassal ghal degree ta’ Master of Science (M.Sc.) fin-Nursing;

Illi minn fatti li jistghu jigu ppruvati jirrizulta li din is-sejha ghall-applikazzjonijiet kienet biss intiza biex seta’ jigi llegalizzat il-hrug ta’ flus minn fondi pubblici biex jithallsu l-ispejjez konnessi mal-kors lil Attard u Avallone, ghax dawn it-tnejn, b’mod l-aktar irregolari, kienu diga’ gew maghzula mid-Dipartiment tas-Sahha biex ikunu z-zewg kandidati li jigu sponsorjati ghall-kors qabel biss kienet ghandha harget is-sejha ghall-applikazzjonijiet fuq imsemmija;

Illi fil-fatt, sa minn qabel harget is-ssejha ghall-applikazzjonijiet fuq imsemmija, Attard u Avallone diga` kellhom post rizervat ghalihom fid-Dipartiment tan-Nursing ta’ l-Universita` ta’ Liverpool, biex ikunu jistghu jsegwu l-kors ta’ M.Sc. fin-Nursing li kellu jigi sponsorjat mid-Dipartiment tas-Sahha, li kellu jsir matul is-sena akkademika 1993/94. Dawn il-postijiet gew rizervati wara rakkomandazzjoni li ghamlet f’isimhom is-Sinjorina Barbara Burkey, ko-ordinatrici ta’ korsijiet tan-Nursing immexxija mill-Istitut ghall-Harsien tas-Sahha ta’ l-Universita` ta’ Malta;

Illi qabel harget is-sejha ghall-applikazzjonijiet ukoll, l-Istitut ghall-Harsien tas-Sahha rrakkomanda lid-Dipartiment tas-Sahha biex jisponsorja propju lil Attard u Avallone ghall-kors fuq imsemmi, li ghalih diga’ kellhom il-post rizervat. Id-Dipartiment tas-Sahha minn naha tieghu ghamel il-kalkoli ta’ l-ispiza nvoluta biex Attard u Avallone jigu sponsorjati ghall-kors, u kif ukoll ta parir li dawn it-tnejn biex jibbukkjaw il-biljetti ta’ l-ajru “one way” ghal Manchester, l-Ingilterra, minn fejn kellhom imorru Liverpool biex jibdew il-kors. Dan kollu sar qabel il-hrug tas-sejha ghall-applikazzjonijiet;

Illi meta eventwalment harget is-sejha ghall-applikazzjonijiet, din kienet tistipula rekwiziti li kienu jippermettu lil numru limitat hafna ta’ persuni li japplikaw, liema persuni ma kienux necessarjament dawk l-aktar kwalifikati biex isegwu l-kors minn fost l-impjegati mad-

Dipartiment tas-Sahha. Fil-fatt gie rikjest li min japplika kellu jkun qed iwettaq dmirijiet ta' "Nursing Tutor" biex b'hekk gew eskluzi hafna milli japplikaw. Izda mill-banda l-ohra d-"degree" Universitarju rikjest seta' jkun fi kwalunkwe suggett u mhux necessarjament fin-Nursing. Din ma kienet haga xejn xierqa peress li l-kors li kien ser isir sponsorship ghalih kien proprju fis-suggett tan-Nursing. Kienet haga cara li l-applikazzjonijiet hargu b'dan il-mod biex tkun tista' tigi akkomodata Antoinette Attard li m'hijiex gradwata fin-Nursing;

Illi fid-dawl ta' dak dikjarat fil-"press release" 1261 datata 14 ta' Ottubru, 1993, il-gustifikazzjoni moghtija li harget l-applikazzjonijiet ghall-gradwati kollha ghax hekk sar fil-passat, ma treggix. Dan ghaliex din kienet l-ewwel darba li d-Dipartiment tas-Sahha offra li jisponsorja kandidati ghal Master's Degree purament fin-Nursing, u ghaliex din id-darba kien hemm gradwati fin-Nursing li setghu japplikaw ghall-kors meta fil-passat ma kienx hemm. Dan ghaliex l-ewwel darba li ggradwaw studenti fin-Nursing mill-Universita` ta' Malta kien fl-20 ta' Novembru, 1992;

Illi jidher car ukoll li hekk kif ghalqu l-applikazzjonijiet f'nofsinhar tal-Hamis, 7 ta' Settembru, 1993, id-Dipartiment tas-Sahha mexa b'ghaggla kbira biex jikkonkludi l-intervisti ta' l-ghazla qabel il-Hadd, 10 ta' Ottubru, 1993, li kienet id-data li fiha Attard u Avallone kellhom biljett ta' l-ajru maqtugh biex isiefru ghal Manchester minn fejn kellhom imorru Liverpool biex jibdew il-kors. Izda billi l-istorja ta' l-irregolaritajiet fl-ghazla ghal dan il-kors saret maghrufa pubblikament qabel il-hin li huma kellhom jitilqu permezz ta' rapport li deher fl-istampa lokali huma baqghu ma siefrux kif kienu mistennija. Fl-istess hin l-intervista ta' l-ghazla li huwa gie avzat biex jattendi nhar it-Tnejn, 11 ta' Ottubru, 1993, giet posposta indefinittivament;

Illi ghall-ewwel il-Bord ta' l-Intervisti ghall-ghazla mahtur mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern kien kompost fil-maggoranza tieghu minn ufficjali gholja ta' l-Istitut ghall-Harsien tas-Sahha, li kellhom interess dirett li jintghazlu Attard u Avallone ghall-kors peress illi huma jahdmu bhala

“assistant lecturers” fl-istess Istitut. Izda wara li saru maghrufa l-irregolaritajiet li kienu sehhew fil-process ta’ l-ghazla, gie deciz li tissostitwixxi lill-ufficjali msemmija b’membri godda fuq il-Bord, prezumibilment biex tnaqqas mis-suspetti hziena;

Illi meta nhar it-Tnejn, 25 ta’ Ottubru, 1993, l-Bord il-gdid intervistah, gew manifesti tendenzi negattivi lejh. Tant li t-Tabib Ray Scerri, wiehed mill-membri godda, pprova jinsinwa li huwa ma kienx eligibbli biex japplika biex jigi sponsorjat ghall-kors ghax ma kienx qed jaqdi dmirijiet ta’ “Nursing Tutor” fuq bazi “full time”;

Illi Attard u Avallone gew eventwalment maghzula ghall-kors, kif dejjem dehret li kienet l-intenzjoni tad-Dipartiment tas-Sahha li jsir. B’danakollu ntbaghtu xahar wara li kien attwalment beda l-kors, konsegwenza tal-hin li ntilef fil-hafna manuvri li saru;

Illi huwa ma ntghazilx minkejja li jippossjedi “Bachelor of Science degree” fin-Nursing, u ghalhekk huwa aktar addattat biex isegwi “Master’s degree” fl-istess suggett minn Attard li m’hijiex gradwata fin-Nursing;

Illi minn dan johrog car illi l-ghazla ta’ Attard u Avallone kienet diga’ determinata qabel saru l-intervisti biex din l-ghazla tinghata timbru legali. B’hekk saret ingustizzja serja kontra tieghu meta dan gie mcahhad milli jigi sponsorjat ghall-kors ta’ M.Sc. fin-Nursing skond kif provdut fic-Cirkulari D.H. 174/93;

Illi minhabba dan l-agir illegali u abuziv tal- konvenuti huwa sofra, qieghed isofri u ser isofri danni;

Illli l-konvenuti gew interpellati b’ittra ufficjali datata 2 ta’ Novembru, 1993 sabiex jirregolarizzaw il-pozizzjoni tieghu izda baqghu inadempjenti;

Talab li din il-Qorti, ghar-ragunijiet imsemmija :

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ta' abbuz u illegalita` u kkommettew irregolaritajiet bi ksur ta' kull regolament tal-ligi fil-konfront ta' l-attur;

2. Tordnalhom sabiex jirrimedjaw tali abbuz u irregolaritajiet fil-konfront ta' l-attur u b'effett immedjat jiehdu dawk il-passi u proceduri kollha necessarji fic-cirkostanzi biex jigi sponsorjat mad-Dipartiment tas-Sahha ghall-kors tal-M.Sc. fin-Nursing bl-istess kundizzjonijiet offerti fic-cirkolari D. H. 174/93 tat-30 ta' Settembru 1993;

3. U fin-nuqqas li ma jkunx jista' jsir dan, jinghataw dawk il-provvedimenti u direttivi opportuni fic-cirkostanzi kontra l-konvenuti biex tigi ekwiparata u rimedjata l-ingustizzja sofferta mill-attur. B'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni talvolta spettanti lill-attur.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Novembru 1993 u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha fejn qalu:

1. Illi l-Ministru ta’ l-Intern u Zvilupp Socjali u s-Segretarju Parlamentari ghas-Sahha mhumiex il-legittimi kontradittur ghat-talbiet u ghandhom jigu liberati minnhom stante li l-lanjanzi ta’ l-attur jikkoncernaw esklussivament kwistjonijiet rigwardanti l-amministrazzjoni gjornaliera tad-Dipartiment tas-Sahha;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi c-citazzjoni hija sostanzjalment nulla peress li fiha, ghad li hemm valanga ta’ diskors, imkien ma hemm indikat liema hi l-ligi li qieghed jigi allegat li l-konvenuti kienu kisru, u per konsegwenza l-esponenti, ghad li gew affrontati b’hafna akkuzi u diskors fil-vojt, ma gewx moghtija l-fakuta’ li jkunu jafu x’inhi n-natura ta’ l-azzjoni li qieghda tigi avvanzata fil-konfront taghhom (bhal, per ezempju jekk hix azzjoni bazata fuq ksur ta’ kuntratt, delitt, kwazi-delitt, ecc.)  u dan bi ksur tar-regoli tas-smiegh xieraq;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi t-tieni u t-tielet talba ta’ l-attur jaqghu barra l-gurisdizzjoni tal-Qorti u jmorru kontra l-ordinament kostituzzjonali tal-pajjiz billi l-istess talbiet huma invit lill-Qorti biex tassumi l-amministrazzjoni in parte tad-Dipartiment tas-Sahha minflok il-Gvern;

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet ta’ l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-process ta’ ghazla in kwistjoni sar korrettement, regolarment u minn persuni integri u kompetenti;

Rat id-digriet tat-8 ta' April 1994 li permezz tieghu giet nominata l-assistenta gudizzjarja l-Avukat Dottor M'Dolores Gauci sabiex tiehu x-xiehda u tircievi dokumenti;

Rat il-verbali kollha tax-xiehda;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attur u n-nota responsiva tal-konvenuti;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

<u>Dwar l-ewwel eccezzjoni</u>

Fl-ewwel eccezzjoni taghhom, il-konvenuti jghidu li l-Ministru ta’ l-Intern u Zvilupp Socjali u s-Segretarju Parlamentari ghas-Sahha mhumiex il-legittimi kontradittturi.

Din l-eccezzjoni hi bazata fuq l-artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jipprovdi hekk:

**"(1) Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni."**

Galadarba l-vertenza tirrigwarda l-allegat abbuz, illegalita` u irregolarita` fir-rigward ta' sejha mahruga mid-Dipartiment ghas-Sahha, liema Dipartiment skond l-artikolu 4 tal-Kap. 94 ghandu t-Tabib Principali tal-Gvern bhala l-Kap tieghu. Jekk il-konvneuti l-ohra naqsu mid-dmirijiet taghhom, huma gew imharrka mhux *proprio* izda fil-kwalita` ufficjali taghhom u ghalhekk nuqqas taghhom ikun nuqqas li jwiegeb ghalih il-Gvern. Il-Gvern, skond l-artikolu 181B hawn fuq citat, jidher ghalih fil-kaz tallum it-Tabib Ewlieni tal-Gvern bhala kap tad-dipartiment, u ghalhekk il-konvenuti l-ohra kienu mharrkin ghalxejn.

Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qed tigi milqugha u l-konvenuti Ministru ta' l-Intern u Zvilupp Socjali u s-Segretarju Parlamentari ghas-Sahha qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Dwar it-tieni eccezzjoni

Fit-tieni eccezzjoni taghhom, il-konvenuti ddikjaraw li c-citazzjoni ta' l-attur kienet sostanzjalment nulla ghaliex ma kienx hemm indikat dak il-provvediment tal-ligi li huma kienu kisru fil-konfront tieghu.

B'referenza ghas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 156 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, din il-Qorti tosserva li skond dan il-provvediment tal-ligi, citazzjoni ghandha jkun fiha *"tifsir car u sewwa ta' l-oggett u r-raguni tat-talba",* kif ukoll *"it-talba jew it-talbiet, li ghandhom ikunu numerati"*. Minn qari akkurat tac-citazzjoni, din il-Qorti hi soddisfatta li l-attur ikkonforma ruhu ma' dak li jirrikjedi dan il-provvediment ghaliex hemm imfisser bic-car l-aggravju tieghu li jwassal ghat-talbiet dedotti minnu.

Ghalhekk it-tieni eccezzjoni qed tigi michuda.

Dwar il-ligi applikabbli

Fin-nota responsiva taghhom il-konvenuti jghidu li peress illi c-citazzjoni giet ipprezentata fid-29 ta' Novembru 1993, ghandha tapplika l-ligi vigenti dak iz-zmien li kienet tirregola l-poter tal-Qrati li jissindakaw l-operat tal-Gvern

fl-ghemil ta' atti amminsitrattivi, u cioe` s-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 742 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Ghandu ghalhekk jirrizulta li s-sitwazzjoni postulata mill-attur ma tinkwadrax ruhha fil-gurisdizzjoni tal-Qrati kif imfissra f'dawk l-artikoli.

Din il-Qorti ma taqbilx. Il-ligi applikabbli hija dik kontenuta fl-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Bhalma qalet din l-istess Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et** deciza fil-25 ta' Jannar 2005:

**"Tajjeb qabel xejn li jigi soffermat li b'effett ta' l-artikolu 362 ta' l-Att XXIV ta' l-1995 li emenda l-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, id-disposizzjonijiet tal-ligi principali, kif emendati bl-istess Att, japplikaw fil-konfront tal-proceduri kollha li jkunu pendenti quddiem xi qorti jew tribunal li ghalihom jghoddu dawk illigijiet u li f'dik id-data jkunu ghadhom pendenti u ma ghaddewx in gudikjat. Huwa wkoll pacifiku fid-dottrina li ligijiet procedurali ghandhom effett immedjat anke fir-rigward ta' kazijiet gia` ezistenti qabel id-dhul fis-sehh tal-ligi u li jkunu ghadhom pednenti mad-dhul fis-sehh tal-ligi. Ghalhekk huwa car li wara l-1 ta' Ottubru 1995 (meta dahal fis-sehh l-Att XXIV ta' l-1995) ghandhom jigu applikati d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 201 ta' l-istess Att (kif riprodotti fl-artikolu 469A tal-kap. 12 konsolidat). Konsegwentement id-disposizzjonjiet ta' l-artikolu 742(2) (li fuqhom l-ewwel perit legali kien ibbaza l-konsiderazzjonijiet tieghu stante li pprezenta r-relazzjoni tieghu fl-4 ta' Ottubru 1995) li gew sostitwiti permezz ta' l-artikolu 283 ta' l-imsemmi Att ma ghandhomx jigu konsidrati fil-kaz odjern."**

Ghalhekk, a tenur ta' l-artikolu 469A tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni biex tistharreg il-validita` ta' l-ghemil amministrattiv li minnu qieghed jilmenta l-attur.

<u>Dwar il-mertu</u>

L-attur jallega li s-sejha mahruga permezz tac-cirkolari DH174/93 fit- 30 ta’ Settembru, 1993, kienet biss intiza sabiex jigi legalizzat il-hrug tal-fondi pubblici ghall-ispejjez necessarji sabiex Antoinette Attard u Isabelle Avallone jsegwu kors ta' M. Sc. fin-*nursing* barra minn Malta. Jghid li huma fil-fatt kienu diga` maghzula minn qabel ma harget is-sejha u b’ingustizzja serja fil-konfront tieghu ghaliex hu b’hekk gie mcahhad minn borza ta’ studju kif provdut fl-imsemmija cirkolari.

Il-fatti rizultanti huma s-segwenti: Antoinette Attard u Isabelle Avallone, li kienu *staff nurses*, kienu *seconded* mid-Dipartiment tas-Sahha ma' l-Institute of Health Care fejn kienu qeghdin jahdmu bhala *lecturers*. Kienu diga` applikaw mal-University of Liverpool, u accettati, sabiex isegwu l-kors ta' M. Sc. fin-*nursing*. Pero` kienet saret rakkommandazzjoni lid-Dipartiment tas-Sahha sabiex dawn jintbaghtu jsegwu l-imsemmi kors a spejjez tad-Dipartiment. Saviour Lautier, direttur tar-rizorsi umani fid-Dipartiment tas-Sahha, xehed li fis-27 ta' Settembru 1993 is-Segretarju Parlamentari l-Profs. John Rizzo Naudi qallu biex jiehu azzjoni biex Attard u Avallone jmorru l-Ingilterra fuq l-imsemmi kors. Dan ix-xhud qal: "Kont ghidtlu li kull ma stajt naghmel kien li nikkuntattjahom u jekk imorru l-Air Malta jaghmlu provisional booking. Wara meta l-affarijiet jghaddu kif ghandhom jghaddu kemm tigi l-awtorita` minghand il-Finanzi ghall-pagament…. Dak il-hin ma kontx naf li kellhom johorgu l-applications…. Biex jithallas l-ispejjez tal-kors kollox, kellha tinhareg ittra mis-C.G.M.O. fejn jitlob permess lill-Ufficcju tal-Prim Ministru. Meta ippreparajtlu kollox is-C.G.M.O. kien qalli li biex dawn in-nurses jiehdu l-flus tat-tickets trid tohrog ic-cirkolari…. Jiena kont il-persuna li fassalt din ic-cirkolari." Jirrizulta li sadattant kienu diga` ntalbu l-*costings* mill-Accounts Section. Attard u Avallone kkonfermaw li mid-Dipartiment kienu qalulhom biex jaghmlu *provisional booking*, u li dan kien qabel ma nhareg ic-cirkolari DH174/93.

Ghalkemm f'ghajnejn l-attur dan kollu juri li kienet diga` ttiehdet d-decizjoni sabiex jinghataw borza ta' studju l-imsemmijin Attard u Avallone, kien proprju t-Tabib Ewlieni tal-Gvern li rrifjuta li jikkonsidra n-nominazzjoni taghhom

bhala xi forma ta' *direct nomination* u ordna li jitnieda l-process sabiex ikun hemm *call for applications*. Ir-responsabbilta` biex jara li tintuza l-procedura li solitament tintuza kienet unikament tieghu.

Dr. Anthony Vassallo, li fiz-zmien relattiv kien it-Tabib Ewlieni tal-Gvern, xehed fit-tul dwar din il-kwistjoni. Huwa xehed li qatt ma awtorizza li jsiru xi preparazzjonijiet dwar Attard u Avallone. Allegazzjonijiet f'gurnal lokali wassluh biex jaghmel investigazzjoni interna - kopja tar-rapport gie fil-fatt esibit, ara fol. 96 - 103. Qabel ma ordna li jsir *call for applications* talab il-*costings* sabiex jara jekk kienx hemm flus votati bizzejjed. Id-Dipartiment tas-Sahha nnifsu ma ghamel l-ebda *provisional booking* u ma kien hemm l-ebda *commitment* li johorgu fondi ghal dawk il-*bookings*. "Bl-ebda mod", qal ix-xhud, " qatt qabel ma gew *selected* mill-Bord ma kien hemm xi ideja/accettazzjoni tal-kuncett min-naha tieghi bhala Kap tad-Dipartiment li dawn imorru. U d-decizjoni hija tieghi u ta' hadd izjed."

Jirrizulta li l-Bord ta' l-Ghazla li nnomina Dr. Vassallo kien originarjament kompost minn Dr. John Cachia bhala Chairman u minn Dr. Gauden Galea u l-Prof. Anthony Serracino Inglott bhala membri. Minhabba xi lmenti minhabba l-fatt li z-zewg membri kellhom konnessjoni ma' l-Institute of Health Care, huwa sostitwihom b'Dr. Ray Scerri u Dr. Rosemary Goodyear.

L-attur ilmenta ukoll mill-fatt li ghalkemm id-data ta' l-gheluq ghall-applikazzjonijiet kienet is-7 ta' Ottubru 1993 f'12.00 p.m., saghtejn biss wara rcieva telefonata minghand Saviour Lautier biex dak il-hin stess imur ghall-*interview*. Huwa ma setax, u ghalhekk gie miftiehem li dan isir fil-11 ta' Ottubru 1993. Meta mar, kien hemm prezenti wkoll Antoinette Attard u Isabelle Avallone. L-*interviews* ma sarux u saru fil-25 ta' Ottubru 1993 meta sadattant kienet inbidlet il-komposizzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla. L-ghaggla biex isiru l-*interviews* huwa facilment spjegabbli mill-fatt li l-kors kien diga` beda. Izda in vista ta' l-allegazzjonijiet li kienu saru f'gurnal lokali u anke ta' l-ilmenti dwar il-komposizzjoni tal-Bord, ittiehdu l-ewwel il-passi li diga` saret referenza ghalihom. Certament il-Bord

kellu l-possibilita` li jaghmel l-evalwazzjoni tieghu b'mod ghal kollox awtonomu u anke fil-parametri tat-termini tac-cirkolari relattiv mahrug mid-Dipartiment tas-Sahha.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, it-Tabib Ewlieni tal-Gvern agixxa bl-ahjar u bl-uniku mod li seta' jagixxi biex jassigura li decizjoni li seta' jiehu hu biss tittiehed skond is-soliti proceduri. Huwa ma agixxa bl-ebda mod abbuziv jew irregolari fil-konfront ta' l-attur.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi, wara li tilqa' l-ewwel eccezzjoni u tillibera lill-konvenuti Ministru tal-Intern u Zvilupp Socjali u Segretarju Parlamentari ghas-Sahha mill-osservanza tal-gudizzju u wara li tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------